**20 ta' Marzu, 1967**

**Imhallfin**

**S.T.O. Prof. Sir Anthony J. Mamo, O.B.E., C.St.J., Q.C., B.A., LL.D. — President**

**Onor. Prof. J.J. Cremona, K.M., LL.D., B.A., D.Litt. (Rome), B.A., Hons. (Lond.), Ph.D. (Lond.), F.R.Hist.S. — Viċi-President**

**Onor. J. Flores, B.L. Can., LL.D.**

Domenico Pantalleresco pro et noe

*versus*

Avukat Dottor Giuseppe G. Gatt noe et

**Falliment — Fallut — Oġġetti mibjugħa lill- — Rivendikazzjoni ta' — Stat tagħhom.**

*Biex oġġetti mibjugħa lill-fallut jistgħu jiġu rivendikati mill-pussess tiegħu meta jkunu għadhom jeżistu fl-istat oriġinali tagħhom. Id-deċiżjoni tal-ewwel Qorti dwar l-istat ta' l-istess għandha tiġi rispettata meta ma tidhirx manifestament irraġonevoli.*

Il-Qorti, rat l-att taċ-ċitazzjoni quddiem il-Qorti tal-Kummerċ tal-Maesta Tagħha r-Reġina li bih l-attur, wara li ppremetta li hu biegħ lill-imsemmija ditta "Rambler Automobile Assembly Limited" kwantità ta' handy angle iron u oġġetti affini bil-prezz komplessiv, ta' mitejn disa' u tletin lira sbatax il-xelin u sitt soldi (£239.17.6) kif jirriżulta mill-kont hemm anness markat Dokument "A" u li l-imsemmija ditta ma ħallset xejn mill-prezz fuq indikat u l-handy angle iron u l-oġġetti indikati fl-imsemmi kont għadhom jinsabu f'idejn il-konvenut nomine, talab li premessi d-dikjarazzjonijiet neċessarji u mogħtija l-provvedimenti opportuni — jiġi rexxiss il-bejgħ tal-oġġetti

fuq indikati u l-konsegwentement hu jiġi awtorizzat jirtira l-istess oġġetti. Bl-ispejjeż kompriżi dawk tal-ittra uffiċjali tas-16 ta' Marzu, 1962, u tal-protest kambjarju tat-12 ta' Marzu, 1962.

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet tal-konvenut nomine li biha qal li biex l-attur jista' jesperixxi l-azzjoni li ntenta irid jipprova mhux biss li l-prezz għadu dovut imma anke li l-merċi tinsab in-natura fil-pussess tal-fallit;

Rat ir-rikors presentat mill-Kummissarju tal-Artijiet biex jiġi ammess "in statu et terminis" li ġie milqugħ fis-7 ta' Novembru, 1964;

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tas-7 ta' Ottubru, 1966 li biha ddeċiediet billi laqgħet it-talbiet attriċi u kkundannat lill-konvenut nomine jirrestitwilu l-oġġetti li ffurmaw oġġett tal-venditi msemmija fiċ-ċitazzjoni; il-konsenja ssir fil-post fejn illum jinsabu l-istess oġġetti bil-mod u taħt il-kondizzjonijiet indikati fil-korp tas-sentenza. L-ispejjeż fiċ-ċirkostanzi tal-każ jibqgħu bla taxxa bid-dritt tar-reġistru għall-konvenut nomine; huma esklużi dawk tal-intervenjent fil-kawża li jħallashom hu stess — wara li kkunsidrat:

Omissis.

Rat in-nota ta' l-appell tal-konvenut nomine u l-petizzjoni tiegħu li biha talab li dik is-sentenza tiġi riformata billi t-talbiet ta' l-attur jiġu miċħuda u l-ispejjeż, salvi dawk ta' l-intervenjent fil-kawża li għandhom jibqgħu fuqu, jiġu kollha akkolati lill-attur.

Rat ir-risposta tal-attur li qal illi s-sentenza appellata hi ġusta u timmerita konferma bl-ispejjeż.

Rat ir-risposta ta' l-intervenjent fil-kawża li qal illi l-kontroll u l-pussess effettiv ta' l-oġġetti rivendikati jinsabu llum f'idejn il-kuratur tal-falliment u per konsegwenza hu jirrimetti ruħu għal dak li tiddeċidi l-Qorti għal dik li hija l-konstatazzjoni fiżika u stat attwali ta' dawk l-oġġetti — naturalment però dawk l-oġġetti jridu jkunu (1) għadhom jeżistu, u (2) għadhom fl-istat li nbiegħu lid-ditta fallita biex jistgħu jiġu konsenjati wara sentenza.

Rat l-atti kollha tal-kawża semgħet it-trattazzjoni u kkunsidrat —

Is-sentenza appellata, għal dak li hu verament rilevanti għal dan l-appell, tikkonsisti f'żewġ partijiet: fl-ewwel parti huma esposti l-prinċipji legali li jirregolaw l-azzjoni esperita f'din il-kawża; fit-tieni parti hemm l-applikazzjoni ta' dawk il-prinċipji għall-każ partikolari. L-appellant f'dan l-appell mhux bl-ebda mod jimpunja l-prinċipji legali kif esposti mill-ewwel Onorabbli Qorti; hu qed jimpunja biss il-mod li bih dik il-Qorti applikat dawk il-prinċipji għaċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ.

L-azzjoni intentata mill-appellat hi dik kontemplata fl-artikolu 599 tal-Kodiċi tal-Kummerċ li jgħid illi "jistgħu jintalbu lura l-merkanzija mibjugħa lill-fallut......sakemm ikunu jinsabu għandu." Kif ġie ġa rilevat fis-sentenza appellata, għalkemm dan l-artikolu ma jesiġiex espressament kif jesiġu żżewġ artikoli ta' qablu, illi l-merkanzija tkun għadha tinsab għand il-fallut "in-natura", hu insenjament komuni illi dik il-kondizzjoni trid teżisti biex l-azzjoni in kwistjoni tista' tiġi eżerċitata b'suċċess. Jgħodd għal-liġi tagħna dak li jgħid il-Vidari riferibilment għal liġi taljana, cioè: "ben è vero che qui la legge a differenza di altri casi, non dice che la merce debba ancora esistere in natura: ma se non dice essa siccome la identità della merce è condizione imprescindibile di ogni

*rivendicazione così non vi è dubbio che qualunque mutamento o trasformazione facesse perdere alla merce la propria identità renderebbe perciò solo impossibile l'esercizio di quell'azione. Il silenzio della legge non può essere che l'effetto d'incuria di redazione; incuria, che del Codice promesse passò anche nel nostro"* (Corso di Diritto Commerciali, Vol. VII § 8187 Ed. 1907). Ir-raġuni tal-ħtieġa ta' dik il-kondizzjoni.

Dan, del resto, hu terren komuni bejn il-partijiet. Il-kwistjoni hi biss jekk, fil-każ preżenti, jistax tassew jingħad kif jingħad fis-sentenza appellata, illi l-merċi mibjugħa lis-soċjetà falluta għad għandha l-identità proprja tagħha. Kif jirrikonoxxi l-istess appellata, għalkemm teżisti in-norma legali, il-kwistjoni jekk merċi partikolari issubitx mutament jew *trasformazzjoni tali li* jtellfuha l-identità tagħha *hi* kwistjoni ta' fatt li għandha tiġi konsidrata b'riferenza għall-merċi partikolari fiċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ. L-eżempji mogħtija fid-dottrina għandhom biss valur indikattiv.

Appuntu għaliex si tratta ta' kwistjoni *ta' fatt* u ta' apprezzament taċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ, din il-Qorti teżita li tiddisturba l-konklużjoni raġġunta mill-ewwel Onorabbli Qorti li mhux biss rat il-proċess iżda li, fl-aċċess li żammet fuq *il-post, rat* ukoll b'għajnejha *li stat tal-mekkanizju* [illegible] Dik *il-Qorti* kkonfessat illi l-każ jippreżenta ċerta diffikoltà u din il-Qorti taħseb illi tassew il-każ jirrażenta il-"border line" iżda, fil-fehma ta' din il-Qorti, il-konklużjoni li waslet fiha l-ewwel Qorti ma hijiex talment *irraġonevoli* b'mod li jista' jingħad *li tisbalja* in linea ta' prinċipju u għalhekk m'hemmx raġuni biżżejjed biex tiġi riveduta.

Għal dawn il-motivi l-Qorti tiddeċiedi billi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza *appellata*, iżda minħabba ċ-ċirkostanzi tal-każ tordna li l-ispejjeż anki ta' l-appell jibqgħu mingħajr taxxa.